MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Numru. 965/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**VS**
**MICHELE RONALD MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Michele Ronald Muscat ta’ 46 sena, bin Angelo u Antonia nee’ Magri, mwieled Sliema nhar it- 23 ta’ Lulju 1966, residenti gewwa Flat 1, Binja Gublew tal- Fidda, Entratura D, Triq l- Erbgha w Ghoxrin ta’ Gunju, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 328666M ;

Talli ;

1) Nhar it- 8 ta’ April 2009 u fil- granet u x- xhur ta’ qabel din id- data, f’ diversi hinijiet matul il- gurnata, f’

dawn il- Gzejjer, ikkommetta serq ta' ammont ta' fuel, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jeccedi l-€2,329.37 bix- xorta tal- haga misruqa u kif ukoll bil-persuna, u li sar ghad- detriment ta' Angelus Bartolo u/ jew ta' persuni ohra;

2) Ukoll talli fit- 8 ta' April 2009 u fil- granet u x- xhur ta' qabel din id- data, f' dawn il- Gzejjer xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe ammont ta' fuel, mehud b' qerq, jew akkwistat b' reati, jew xjentement b' kull mod li jkun, indahal biex ibieghu jew imexxih;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, bl-ammissjoni bikrija tal-imputat din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-imputat kien impjegat ma' B&B Construction bhala xufier ta' "bowsers" tar-ready mix concrete. Tul l-ahhar sena li kien jahdem hekk maghhom, hu kien seraq ammont indeterminat ta' diesel mill-istess vettura li kien ikun qed isuq. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien ha diesel xi hames jew sitt darbiet, li skond hu kienu jammontaw ghal xi tlitt galluni kull darba. Il-kumpanija,

min-naha taghha, ghamlet ezercizzju biex tara kemm fil-fatt kellha diesel nieqes mill-konteggi taghha, u telghet ghal figura hafna oghla minn dik li ammetta ghaliha l-imputat.

Din il-Qorti ma kellhiex il-mezzi u l-hin biex tivverifika kemm kien l-ammont ta’ diesel li effettivament insteraq mill-imputat. Bl-ammissjoni tieghu, din il-Qorti qed issibu hati tar-reat ta’ serq kif ikkwalifikat fit-tahrika. Peress illi l-Qorti ma setghetx tasal ghal ammont specifiku ta’ kwantita’ ta’ diesel misruq, u ghalhekk ma wasletx ghal valur tar-res furtiva, ma tistax taghti provvediment ghar-restituzzjoni tal-ammont ta’ flus rappresentanti l-valur tas-serqa kif gia’ spjegat. Dik il-kwistjoni semmaj sejra tithalla ghall-qorti civili biex tigi determinata hemm. Madankollu, bhala piena, il-Qorti sejra tapplika piena ta’ prigunerija li mhix sejra tiddahhal fis-sehh izda tibqa’ sospiza skond il-ligi. Kwantu ghall-imputazzjonijiet kif gew dedotti fil-konfront tal-imputat, it-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 271, 279(b), 280 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, peress illi dik inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel;
Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------